# Skema ta’ Appoġġ għall-Produzzjonijiet Teatrali

**Linji Gwida u Regolamenti 2026**

ARTS COUNCIL MALTA

MAĦRUĠA: APRIL 2026

## ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT TAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 300,000 | EUR 60,000 |

| KOFINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| L-iskema tista’ tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br><br>30% mal-approvazzjoni tar-rapport finali |

## PERJODI TA’ ŻMIEN

| DATA TA’ SKADENZA | RIŻULTATI | PERJODU TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 9 ta’ Ġunju 2026 | 23 ta’ Lulju 2026 | 24 ta’ Lulju 2026 – 23 ta’ Lulju 2028 |

# 1. Introduzzjoni

L-Iskema ta' Appoġġ għall-Produzzjonijiet tat-Teatru tagħmel parti mill-portafoll ta' appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti li jinvesti fil-prattiki u fil-produzzjonijiet tat-teatru u fl-iżvilupp tal-udjenzi fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta. L-iskema tawtorizza lil individwi, gruppi, u organizzazzjonijiet biex jippjanaw, jiżviluppaw, ikunu rappreżentati, u jwasslu proġetti artistiċi konformi mal-Istrateġija 2030 tal-KMA. Fuq kollox, hija mmirata lejn il-komunitajiet u l-prattikanti kreattivi.

L-iskema għandha l-għan li tappoġġa l-objettivi tal-Istrateġija 2030 billi tara li, b'mod attiv:

- Trawwem lill-produtturi ta' xogħlijiet teatrali u tappoġġa l-iżvilupp tagħhom filwaqt li tħeġġeġ il-kokreazzjoni, il-kollaborazzjoni, u l-esperimentazzjoni fi ħdan il-prattika tat-teatru;
- Tinvesti fl-eċċellenza teatrali billi tħeġġeġ lill-produtturi ta' xogħlijiet teatrali jieħdu riskji kreattivi, jesperimentaw, u jipparteċipaw b'mod attiv mal-komunitajiet filwaqt li tappoġġa produzzjonijiet u proċessi ta' kwalità kif ukoll tidentifika t-talent u tħeġġeġ l-iżvilupp tiegħu;
- Tippromwovi u tappoġġa d-diversità, l-inklussività u l-iżvilupp tal-komunitajiet filwaqt li twassal għal ambjenti ta' kollaborazzjoni, l-iżvilupp tal-għarfien, u l-qsim ta' prattiċi tajbin;
- Tipprovdi aċċessibbiltà għal għażla kbira ta' esperjenzi u opportunitajiet teatrali għal gruppi żvantaġġjati sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv permezz tat-teatru;
- Tiffaċilita l-ħolqien ta' pjattaformi għal żgħażagħ b'talent u b'potenzjal, l-involviment ta' ġenerazzjonijiet differenti, kif ukoll il-parteċipazzjoni minn nies ta' kulturi differenti permezz tat-teatru.

L-applikazzjonijiet imressqa jistgħu:

- Jagħmlu parti minn proġett/xogħol usa';
- Ikunu proġetti awtonomi;
- Jikkonsistu minn serje ta' proġetti fi ħdan programm ta' attivitajiet.

Din l-iskema tinkludi żewġ oqsma ewlenin ta' fowkus, b'kull qasam jerġa' jinqasam f'tipi ta' attivitajiet. L-applikanti jistgħu jagħżlu li jiffukaw fuq qasam jew tip ta' attività wieħed jew iktar fi ħdan il-proġetti teatrali tagħhom:

1. Il-prattika u l-produzzjoni tat-teatru, jiġifieri:
    - L-iżvilupp, il-ħolqien, ir-rehearsals, il-produzzjoni, il-preżentazzjoni, u l-wiri ta' xogħlijiet teatrali ta' kwalità li jespandu l-modi kif isiru xogħlijiet tat-teatru, u kif dawn jiġu esperjenzati minn artisti, prattikanti, udjenzi, u komunitajiet;
2. Proġetti li jirrelataw mal-komunitajiet teatrali ta' Malta bil-ħsieb li jiddokumentaw, jippreservaw, jinterpretaw mill-ġdid, jew li jingaġġaw b'mod kritiku l-wirt teatrali Malti b'mod liberu u sostenibbli. L-involviment tal-udjenza u tal-komunitajiet, jiġifieri:
    - Proġetti u/jew programmar teatrali li jippermettu u jippromwovu l-parteċipazzjoni, l-espressjoni kreattiva, u/jew l-għarfien u l-apprezzament lejn dak li għandu x'jaqsam mal-memorja kollettiva u l-ħajja teatrali u kulturali tal-komunità;
    - L-esplorazzjoni ta' approċċi parteċipatorji u innovattivi fl-użu ta' spazji ġodda u fil-parteċipazzjoni tal-udjenza, liema esplorazzjoni għandha l-għan li tiżviluppa esperjenzi immersivi u żżid il-parteċipazzjoni kemm mal-udjenzi eżistenti kif ukoll mal-udjenzi l-ġodda permezz ta' prattika teatrali u/jew ir-riċerka;
    - L-esplorazzjoni ta' modi ta' kif jista' jittejjeb l-aċċess għat-teatru u kif jistgħu jiġu promossi parteċipazzjoni u diversità ikbar fit-teatru.

Din l-iskema tagħti appoġġ lill-produtturi ta' xogħlijiet teatrali, lill-produtturi, lill-kumpaniji, lill-

kooperattivi reġistrati, lill-organizzazzjonijiet volontarji, u lil komunitajiet permezz ta’ fażijiet ta’ żvilupp u ta’ implimentazzjoni, u tkopri l-ħin u r-riżorsi meħtieġa għar-riċerka, l-iżvilupp, ir-rehearsals, il-produzzjoni, il-preżentazzjoni, u l-parteċipazzjoni mill-udjenza. Barra minn hekk, l-għan tal-iskema hu li jinvesti fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp fejn l-applikanti għandhom jiddedikaw minimu ta’ Euro 10,000 mill-għotja biex jappoġġjaw l-proċess kreattiv inizjali.

F’konformità mal-impenn tal-KMA li jappoġġa l-arti permezz ta’ approċċ sostenibbli u affidabbli lejn l-investiment pubbliku:

L-applikanti huma mħeġġa li jqisu sew, kif xieraq, il-prinċipji kif inhuma spjegati fil-Pakkett tar-Riżorsi – Dritt għall-Kultura meta jiżviluppaw il-proposta tagħhom dwar kif se jinvolvu ruħhom mal-kollaboraturi, l-udjenzi, il-parteċipanti, u l-komunitajiet permezz tal-prattika tat-teatru.

L-applikanti huma mistennija jikkunsidraw ukoll, kif xieraq, il-prinċipji ewlenin spjegati fil-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u tal-programmazzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas tal-prattika u tal-produzzjoni teatrali.

# 2. Definizzjonijiet

## Produzzjonijiet Teatrali

1. Fl-ambitu ta’ din l-iskema, il-produzzjonijiet tat-teatru jirreferu għall-ħolqien, l-iżvilupp, ir-rehearsals, il-preżentazzjoni, u l-qsim ta’ xogħlijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni fejn tingħata prijorità lill-karatteristiċi teatrali, l-enerġija, il-personifikazzjoni, id-dramaturġija, l-istaging, l-azzjoni performattiva, u/jew l-involviment tal-udjenza;
2. Dan it-terminu jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal forom tal-prattika tat-teatru bbażati fuq it-test, imfasslin, fiżiċi, viżwali, mużikali, bl-oġġetti, bil-marjunetti, immersivi, parteċipatorji, speċifiċi għall-post, fuq barra, ibbażati fuq il-komunità, interdixxiplinarji, diġitali, u ibridi;
3. It-terminu jkopri wkoll proċessi integrali biex ix-xogħol teatrali jittella’ għall-pubbliku, inkluż ir-riċerka, il-kitba, ir-rehearsals, ix-xenografija, id-disinn, l-iżvilupp tekniku, il-miżuri ta’ aċċessibbiltà, touring, u l-preżentazzjoni;
4. Id-definizzjoni hija inklużiva u mhux preskrittiva u mhijiex limitata għall-approċċi tradizzjonali jew kontemporanji biss.

## Applikant

- Applikant jista’ jkun individwu, grupp, jew organizzazzjoni li huwa wkoll produttur tax-xogħlijiet teatrali. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew ikunu involuti fl-immaniġġjar tal-Iskema ta’ Appoġġ għall-Produzzjonijiet tat-Teatru.

## Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni li jagħmilha applikant eliġibbli li tinkludi d-dokumenti kollha neċessarji u kwalunkwe anness mal-formola tal-applikazzjoni.

## Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa dak li se jirċievi l-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proposta appoġġjata mill-iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul il-perjodu tal-proġett iffinanzjat u sa ma jinħareġ iż-żborżament finali. Iż-żborżament tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f’isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F’każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attivitajiet ekonomiċi u, riżultat t’hekk, mhuwiex

irreġistrat għall-VAT, il-benefiċjarju għandu d-dmir li jaċċerta li se jirċievi rċevuta fiskali għall-oġġetti u s-servizzi li jirċievi.

## Komunità

- Grupp ta’ nies li jaqsmu l-istess valuri, drawwiet, identitajiet, jew prattiċi.

## Koperattivi

- Il-koperattivi jridu jkunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal iktar informazzjoni, żur https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

## Prattikanti kreattivi

- Kwalunkwe individwu artistiku u kreattiv li hu attiv fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Żborż ta’ Fondi

- L-għotja tingħata skont kif hemm indikat fit-2 paġna ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti. Il-pagament jinħareġ permezz ta’ ċekk f’isem l-applikant. L-applikant irid ikollu kont bankarju attiv meta jissottometti l-applikazzjoni.

## Diversità

- Differenzi indivdwali f’termini ta’ età, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, abbiltà, etniċità, kultura, twemmin, lingwa, u sfond soċjoekonomiku f’komunitajiet, xogħol kreattiv, u udjenzi.

## Eliġibbiltà

- L-applikazzjonijiet l-ewwel se jiġu eżaminati f’termini ta’ eliġibbiltà teknika u speċifika għat-teatru mill-amministraturi u l-maniġers tal-iskema. Proposti li ma jitqisux eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti mhux se jkomplu jiġu pproċessati.

## Evalwazzjoni

- Applikazzjonijiet meqjusin bħala konformi u eliġibbli jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-Linji Gwida u Regolamenti mill-evalwaturi maħtura.

## Bord ta’ Evalwazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar bord ta’ evalwazzjoni għal kull sejħa skont din l-iskema. Il-bord maħtur jista’ jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin fl-oqsma tat-teatru jew f’oqsma relatati.

## Grupp

- Għadd ta’ nies b’personalità ġuridika jew mingħajrha jistgħu jagħmlu grupp. Wieħed/waħda min-nies tal-grupp i/trid j/tokkupa r-rwol ewlieni u jkollu/ha r-responsabbiltà ġuridika ewlenija li j/timmaniġġja l-proġett u l-għotja. Din il-persuna jrid ikollha ċittadinanza Maltija jew ikollha permess ta’ residenza Maltija jew ikollha ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti.

## Individwu

- Individwi li japplikaw għall-għotja għandhom inkunu ċittadini Maltin, jew ikollhom permess ta’ residenza Maltija, jew ikollhom ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija, jew ikollhom passaport Malti.

## Innovazzjoni

- Fl-ambitu tal-Iskema ta’ Appoġġ għall-Produzzjonijiet tat-Teatru, l-innovazzjoni hija l-iżvilupp ta’ ideat, prodotti, jew metodi ġodda fejn dawn qatt ma ntużaw qabel.
    - L-innovazzjoni tal-prodott hija l-introduzzjoni ta’ attività ġdida;
    - L-innovazzjoni tal-proċess hija l-implimentazzjoni ta’ proċess ta’ produzzjoni ġdid, metodu

ta’ tqassim ġdid, jew attività ta’ appoġġ ġdida.

## Maniġment u Amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli għall-immaniġġjar ta’ din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluż is-sottomissjoni ta’ applikazzjonijiet online jew aġġornamenti għall-proposti mogħtija, għandha tintbagħat fl-indirizz indikat f’dawn il-Linji Gwida u Regolamenti.

## Dokumentazzjoni mandatorja

- Kwalunkwe dokument meħtieġ biex tappoġġa l-proposta tiegħek u li se jgħin fl-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (pereżempju rekords ta’ prestazzjoni, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta’ spazju, permessi, jew oħrajn).

## Finanzjament Massimu

- Hemm limitu massimu ta’ €60,000 li jista’ jiġi allokat għal kull proġett. L-ammonti li jingħataw se jiġu deċiżi skont il-każ, skont il-proġett.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- Entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti li jinkludu Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika ta’ Malta, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, l-Ispazju Internazzjonali tal-Arti Kontemporanja ta’ Malta (MICAS), Il-Fondazzjoni tal-Knisja tal-Ġiżwiti, De Valette Chamber Orchestra, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Entitajiet reġistrati

- Entità legalment stabbilita u rreġistrata f’Malta. L-entitajiet reġistrati għandhom ikunu rreġistrati mar-Reġistru dwar in-Negozju ta’ Malta skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji fil-każ ta’ kumpanija jew sħubija, u skont il-Kodiċi Ċivili fil-każ ta’ fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

## L-Awtosostenibbiltà

- Tirreferi għal dawk il-proġetti li f’terminu qasir jew twil jistgħu jagħtu prova li se jkunu finanzjarjament sostenibbli, jiġifieri, jistgħu jkunu implimentati mingħajr il-bżonn ta’ investiment pubbliku. Sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett tista’ tkun ir-riżultat tal-kontribut, il-parteċipazzjoni, jew l-investiment ta’ partijiet terzi fil-prodotti u s-servizzi offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

## Impriża Unika

- Tfisser l-intrapriżi kollha li għandhom tal-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin ma’ xulxin:
    a. Impriża waħda li għandha maġġoranza ta’ azzjonisti jew membri bi dritt għall-vot f’impriża oħra;
    b. Impriża waħda li għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, superviżorju, jew tal-maniġment ta’ impriża oħra;
    c. Impriża waħda li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt fis-seħħ bejnha u dik l-impriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum tagħha jew fl-artikli ta’ assoċjazzjoni tagħha;
    d. Impriża waħda, li hija azzjonista f’impriża oħra jew membru tagħha, li għandha l-kontroll uniku, skont ftehim ma’ azzjonisti oħra ta’ dik l-impriża jew membri tagħha, tal-maġġoranza ta’ azzjonisti jew drittijiet tal-vot tal-membri f’dik l-impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta’ impriża waħda jew aktar jitqiesu bħala impriża unika.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità li teżerċita attività ekonomika fi ħdan l-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri, kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta’ prodotti u servizzi fis-suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikolari bħala impriża tiddependi għalkollox fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni ta’ regoli ta’ għajnuna mill-istat ma tiddependix fuq jekk l-entità hijiex imwaqqfa biex tiġġenera qligħ. Entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jistgħu wkoll joffru prodotti u servizzi f’suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jibqgħu barra mill-ambitu ta’ għajnuna mill-istat. Barra minn dan, il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala impriża dejjem hija relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll dawk mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fl-ewwel rigward.

## Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li hija legalment stabbilita u/jew irreġistrata pubblikament f’Malta u li għandha statut. Organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant legalment awtorizzat tal-organizzazzjoni.

# 3. Eliġibbiltà

Din l-iskema tappoġġa proposti mmirati lejn it-tisħiħ u l-appoġġ tal-prattika u l-produzzjoni tat-teatru, lejn it-trawwim tal-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni, u l-involviment u l-iżvilupp tal-udjenzi kif ukoll lejn l-attirar ta’ udjenzi ġodda filwaqt li toħloq esperjenzi bbażati fuq il-prinċipji tal-eċċellenza. Din l-iskema tinkoraġġixxi wkoll proġetti tat-teatru bbażati fuq il-komunità, li jinvolvu s-sit u li jipprijoritizzaw l-udjenza.

Il-proposti l-ewwel se jiġu eżaminati f’termini ta’ eliġibbiltà teknika u artistika. Proposti ineliġibbli skont il-punti t’hawn taħt ma jibqgħux jiġu pproċessati u ma jiġux evalwati.

**Il-perjodu massimu ta’ żmien eliġibbli għall-implimentazzjoni tal-proġett**: 24 xahar.

## 3.1 Min jista’ japplika?

L-applikanti taħt din l-iskema għandhom jikkwalifikaw skont wieħed minn dawn ir-rekwiżiti:

- Professjonisti kreattivi / artisti individwali;
- Entitajiet irreġistrati mar-Reġistru dwar in-Negozju ta’ Malta (inkluż kumpaniji, sħubiji, fondazzjonijiet, u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);
- Gruppi, kollettivi, u konsorzja;
- Koperattivi reġistrati;
- Organizzazzjonijiet volontarji rreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

L-iskema għandha żewġ għażliet: għażla ta’ għajnuna mill-istat u għażla ta’ għajnuna mhux mill-istat. Jekk jogħġbok, irreferi għad-9 Taqsima ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti għal informazzjoni dwar l-applikabbiltà tar-regoli ta’ għajnuna mill-istat għall-applikanti/proġetti.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-Iskema ta' Appoġġ għall-Produzzjonijet tat-Teatru:

- Applikanti/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi lokali skont line-votes stabbiliti mill-gvern.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema speċifika.
- Applikanti li l-profil tagħhom mhuwiex verifikat għaliex jitqies bħala mhux komplut peress li ma jkollux dawn id-dokumenti mandatorji:
  - kopja tal-karta tal-identità Maltija tagħhom (inkluż kopja tan-naħa ta' quddiem u ta' wara), jew tal-permess ta' residenza Maltija tagħhom, jew taċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija tagħhom, jew tal-passaport Malti tagħhom;
  - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma mlewx tal-inqas rapport finali wieħed relatat ma' għotja oħra fil-passat li kienet iffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fiż-żmien stabbilit.
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji preċedenti ta' finanzjament.
- Fil-każ ta' entitajiet reġistrati, entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali meħtieġa lir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta.
- Fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji li:
  - mhumiex iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - m'għandhomx indirizz irreġistrat fil-gżejjer Maltin.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?

Din l-għotja tista' tkopri sa 80% tal-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta' €60,000 għal kull proġett, skont liem hu l-inqas). L-20% li jifdal tal-ispejjeż tal-proġett totali ma jistgħux jiġu koperti permezz ta' programmi oħrajn ta' finanzjament immaniġġjati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

L-ispejjeż eliġibbli huma:

- Ħlasijiet artistiċi, tekniċi, u relatati mal-produzzjoni ta' xogħlijiet teatrali;
- Kontinġenza, li ma jaqbżux 10% tat-total tal-proġett;
- Diġitalizzazzjoni;
- Dokumentazzjoni;
- Spejjeż indiretti, li ma jaqbżux 5% tal-ispiża totali (eżempji – servicing: id-dawl, l-ilma, it-tindif; telefonija/fax/konnessjonijiet tal-internet; bolol postali u postaġġ; karti, linka/cartridge, kartolerija, eċċ);
- Miżuri ta' saħħa u sigurtà;
- Il-kiri/ix-xiri ta' tagħmir (ix-xiri ta' tagħmir se jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies li hu meħtieġ għall-proġett);
- Assigurazzjoni;
- Marketing/PR, u komunikazzjonijiet, li ma jaqbżux 10% tat-total tal-proġett;
- Ħlasijiet oħrajn direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi imma mhux limitati għal: fornituri ta' servizz, mentors, ħlasijiet legali, tal-parteċipazzjoni jew sħubiji, ħlasijiet lingwistiċi, surtitling, captioning, appoġġ għall-aċċess, dramaturġija, u konsulenza teknika);
- Materjal ipprintjat;
- Spejjeż tekniċi u tal-produzzjoni;
- Ħlasijiet għall-immaniġġjar tal-proġett (inklużi imma mhux limitati għal: amministrazzjoni, koordinazzjoni, u l-iżvilupp);

- Il-kiri ta' spazji (inkluż spazji għar-rehearsals, l-iżvilupp, ir-rehearsals tekniċi u tal-prestazzjonijiet);
- Akkomodazzjoni standard (li teskludi kiri fit-tul, jew parti minnu);
- Abbonamenti fi pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħrajn, fejn rilevanti;
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), inkluż imma mhux limitat għat-trasport pubbliku, ivvjaġġar bl-ajru, kiri ta' karozzi/vetturi;
- VISA tal-ivjaġġar.

Għal iktar informazzjoni dwar kif tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida ta' Baġit Ġenerali tagħna hawn https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/linji-gwida-dwar-il-bagit/

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Baġits li jaqbżu 80% tal-intensità tal-kofinanzjament tan-nefqa totali tal-proġett;
- Spejjeż diġà koperti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew programm/skema ieħor/oħra ta' finanzjament pubbliku mmaniġġjat jew ikkomaniġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-gvern jew ministeru ieħor;
- Spejjeż li diġà huma koperti permezz tal-baġits operattivi tas-soltu (pereżemju spazju li jappartjeni lill-applikant jew lill-imsieħeb/ organizzazzjoni ta' appoġġ/ individwu);
- Spejjeż għal servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi jew minn aġenzija pubblika oħra, minn dipartiment tal-gvern jew ministeru;
- Finanzjament għall-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, boroż ta' studju, kompetizzjonijiet, premji, jew scholarships;
- VAT rekuperabbli, fejn applikabbli;
- Rimborż ta' pagi, jew parti minnu;
- Spejjeż retroattivi;
- Sussitenza, catering, u ospitalità.

## 3.5 Liem applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

Dawn l-attivitajiet **mhumiex** eliġibbli għal dan il-Fond:

- Attivitajiet ta' natura intrinsikament awtosuffiċjenti;
- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-prattika tat-teatru, mal-produzzjoni tat-teatru, jew l-udjenza tat-teatru;
- L-iżvilupp ta' xogħlijiet oriġinali ġodda minn applikanti bbażati f'Malta;
- Attivitajiet li l-għan tagħhom hu l-ġbir ta' fondi jew il-propoganda politika;
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament tal-ħolqien jew żamma ta' konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta' studju, premji, jew scholarships;
- Applikazzjonijiet għall-finanzjament ta' produzzjonijiet tat-teatru li mhumiex xogħlijiet oriġinali ġodda;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) fid-data rispettiva tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn entitajiet pubbliċi b'voti tal-partit jew mingħajrhom;
- Spejjeż għal attivitajiet u festi tradizzjonali;
- Avvenimenti li jsiru regolarment, inkluż proġetti annwali, festivals annwali, prestazzjonijiet tal-iskola/annwali, programmi regolari ta' taħriġ, jew programmazzjoni ta' ripertorju ta' rutina mingħajr proposta distinta bbażata fuq il-proġett;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għaċ-checklist tal-applikazzjoni fit-taqsima 5.1;
- Moduli individwali kkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Boroż ta’ Studju tal-Arti ta’ Malta, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat b’riżq l-arti/kultura Maltija;
- Proġetti li jkunu diġà bdew u/jew seħħew qabel mal-applikant(i) jiġi(u) mgħarraf/mgħarrfa bir-riżultati;
- Proġetti li t-tul ta’ żmien tagħhom ma jaqax għalkollox fil-perjodu ta’ żmien eliġibbli.

Kwalunkwe attività oħra li tista’ tiġi żviluppata barra mill-ambitu tal-Iskema ta’ Appoġġ għall-Produzzjonijiet tat-Teatru mhijiex eliġibbli għal appoġġ.

L-applikanti jistgħu jissottomettu iktar minn applikazzjoni waħda taħt l-istess sejħa iżda waħda mill-applikazzjonijiet biss tista’ tingħata finanzjament f’kull sessjoni.

# 4. Evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dawn il-kriterji:

## 4.1 L-1 Kriterju: Il-Kunċett (40 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-kunċett tal-proposta; l-għanijiet, l-objettivi, u r-riżultati tal-proposta; u r-rilevanza tal-kunċett għall-prattika u l-produzzjoni tat-teatru. Għaldaqstant l-applikanti jeħtieġ iwieġbu dawn il-mistoqsijiet f’mhux aktar minn 500 kelma:

- Jekk jogħġbok, spjega l-idea, il-proċess, jew il-kunċett tal-produzzjoni teatrali ewlieni li se jiġi żviluppat permezz ta’ din l-attività proposta. (10 marki)
- L-attività proposta kif inhi innovattiva? Jekk jogħġbok, irreferi għad-definizzjoni ta’ ‘innovazzjoni’ fit-2 Taqsima ta’ dawn il-linji gwida u regolamenti. (10 marki)
- Jekk jogħġbok, iddefinixxi l-għanijiet, l-objettivi, u r-riżultati mistennija tal-attività proposta filwaqt li tiżgura l-aderanza ma’ standards ta’ produzzjoni ta’ kwalità għolja u l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki. (Din għandha tinkludi wkoll evidenza ta’ kif il-proposta tqis il-prinċipji skont il-Pakkett tar-Riżorsi - Id-Dritt għall-Kultura u l-Karta għall-Istatus għall-Artist, bħal fl-1 Taqsima). (10 marki)
- L-attività proposta kif inhi rilevanti għall-iżvilupp tiegħek bħala prattikant/organizzazzjoni tat-teatru u għall-iżvilupp tas-settur tat-teatru u tal-komunità inġenerali? (5 marki)
- Jekk jogħġbok spjega kif il-proposta se tavvanza l-aċċess inklużiv u ekwitabbli għal komunitajiet marġinalizzati (5 marki).

## 4.2 It-2 Kriterju: L-Involviment tal-Udjenza (20 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-involviment ta’ udjenzi stabbiliti u udjenzi ġodda kif ukoll pjanijiet ta’ disseminazzjoni. ‘Involviment’ jirreferi għar-rwol, in-natura tal-involviment, u l-esperjenza offruta lill-udjenza. ‘Disseminazzjoni’ tirreferi għall-metodi adottati mill-applikant biex jaqsam ir-riżultati tal-proġett. Għaldaqstant l-applikanti jeħtieġ iwieġbu dawn il-mistoqsijiet f’mhux aktar minn 300 kelma:

- Jekk jogħġbok elabora fuq l-udjenzi ewlenin (interni u/jew esterni) ta’ din il-produzzjoni/attività, u kif se tilħaq dawn l-udjenzi (10 marki)
- Jekk jogħġbok agħti ħarsa ġenerali tal-marketing, PR, u l-pjan tal-komunikazzjonijiet kif japplikaw għall-attività proposta, u spjega għalfejn għażilt il-metodi li għażilt. ‘Pjan tal-komunikazzjonijiet’ jinkludi wkoll id-disseminazzjoni interna li jista’ ma jkunx fuq il-livell pubbliku. (10 marki)

## 4.3 It-3 Kriterju: Il-Maniġment tal-Proġett (20 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-livell ta' impenn u tħejjija fil-preparazzjoni tal-proposta, kif ukoll il-pjan propost biex twassal u tilħaq l-għanijiet u l-miri tal-proġett fi ħdan kuntest ta' produzzjoni tat-teatru. Dan jinkludi l-kollaboratur(i) ewlieni/ewlenin involuti u l-fattibbiltà tal-proċess. Għaldaqstant l-applikanti jeħtieġ iwieġbu dawn il-mistoqsijiet f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Jekk jogħġbok issottometti pjan għat-twettiq tal-attività proposta. (Inkludi l-iżvilupp pass b'pass, ir-rehearsals, il-produzzjoni, u perjodi ta' żmien tekniċi u għall-preżentazzjoni, il-metodoloġija, il-pjanijiet dwar kif se jsir ix-xogħol, ir-rwoli u d-dmirijiet rispettivi fi ħdan il-proġett, is-settijiet ta' ħiliet, rekords ta' prestazzjoni, portafolli, pjanijiet dwar il-loġistika, skont kif inhuma applikabbli). (5 marki)
- Hemm permessi meħtieġa, kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-awtur, u kwistjonijiet legali, etiċi, u amministrattivi oħrajn x'wieħed jikkunsidra? (5 marki)
- Meta jitqiesu r-riskji u l-inċertezzi, kemm hemm flessibbiltà fl-ippjanar? Xi tqis li huma l-miżuri ta' mitigazzjoni għal dawn ir-riskji identifikati? (pereżempju, pjanijiet ta' kontinġenza, evalwazzjonijiet tar-riskju, miżuri ta' saħħa u sigurtà, aġġustamenti possibbli li jista' jkun hemm). (5 marki)
- Jekk jogħġbok spjega kif il-proposta hija rilevanti u kif din se tavvanza l-iżvilupp tal-ħiliet tiegħek u tal-kollaboraturi ewlenin tiegħek. Elabora fuq ir-rekord ta' prestazzjoni tal-applikant tiegħek u fuq ir-rekord ta' prestazzjoni tal-kollaboraturi fir-rigward tal-prattika u l-produzzjoni tat-teatru. (5 marki)

## 4.4 Ir-4 Kriterju: Il-Baġit (20 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti kemm hu ppjanat sew il-pjan tal-baġit li qed tippreżenta u kemm hu realistiku. Għaldaqstant l-applikanti jeħtieġ iwieġbu dawn il-mistoqsijiet f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Jekk jogħġbok ipprovdi tqassim ċar tal-baġit inklużi l-ispejjeż direttament relatati mal-proġett propost, kif ukoll id-dħul mistenni. Spjega r-raġunar wara l-ispejjeż u d-dħul tal-proġett. (15-il marka)
- Agħti stimi biex tappoġġa l-baġit tiegħek (5 marki).

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra sew dawn il-linji gwida u regolamenti.
2. Iċċekkja jekk l-idea proposta tiegħek tistax tiġi indirizzata permezz ta' din l-iskema.
3. Ikklikkja fuq din il-link li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Jekk m'għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tikklikkja fuq 'Irreġistra issa' u timla' d-dettalji tiegħek. L-applikanti għandhom jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA tal-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online għall-programm li beħsiebek tapplika għalih.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass b'pass. Daħħal l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' appoġġ.
7. Issottometti l-applikazzjoni. Għandek tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma

tirċevix din in-notifika, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti għandhom jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA tal-inqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

F'każ ta' diffikultà, jew jekk għandek xi mistoqsijiet dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u l-16:00, jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif ġie spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, l-applikazzjoni tiegħek mhix se tiġi pproċessata u evalwata.

Qabel id-data tal-iskadenza, ir-rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti mhux se jkunu qed jiċċekkjaw il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek. Hija għad-diskrezzjoni totali tal-Kunsill Malti għall-Arti li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni mandatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Malli l-applikazzjoni tiġi sottomessa, l-applikanti jaċċettaw li, f'każ li l-applikazzjoni tingħata finanzjament, l-isem, it-titlu tal-proġett, deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Tittieħed deċiżjoni fuq il-finanzjament abbażi tal-informazzjoni sottomessa u d-dokumenti ta' appoġġ.

Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tad-data rispettiva tal-iskadenza ma jistgħux jiġu aċċettati.

## 5.1 Checklist

Sabiex jitqiesu bħala kompleti, l-applikazzjonijiet għandhom ikollhom:

- Kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT Malti;
- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana li juri li l-applikant iħallas it-taxxa f'Malta;
- Fajl tal-awdjo jew awdjoviżiv ta' mhux aktar minn 5 minuti fejn l-applikant jagħti deskrizzjoni qasira, jispjega r-raġunijiet u/jew il-motivazzjoni tiegħu għas-sottomissjoni ta' din il-proposta;
- Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis,* fejn applikabbli*;*
- Il-bijografija tal-applikant/ is-CV tat-teatru (jew CV artistika oħra rilevanti) għandha tkun inkluża fil-profil tal-applikant;
- Awdjoviżwali/ portafoll li juru xogħol l-applikant, kif dan hu rilevanti għall-proposta; (awdjoviżwali sa 5MB jistgħu jittellgħu direttament fil-formola tal-applikazzjoni. Fil-każ ta' fajls ikbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti bħala link.)
- Jekk applikabbli, prova tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija;
- Jekk applikabbli, l-iktar Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Reputazzjoni Tajba riċenti. Dan id-dokument jiġġedded kull sena mir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta u huwa prova ta' konformità;
- Ittri ta' intenzjoni minn kollaboraturi;
- Fejn rilevanti, ittra ta' aċċettazzjoni minn istituzzjoni, pjattaforma, jew post.

# 6. Il-Proċess ta’ Evalwazzjoni

Din l-iskema hija waħda kompetittiva u tiġi evalwata minn panel ta’ esperti tat-teatru u ta’ oqsma rilevanti oħra, skont il-kriterji stabbiliti.

Kif inhu spjegat iktar ’il fuq, kull kriterju jingħata marki speċifiċi. Il-proġetti jridu jġibu medja ta’ 60 marka jew iktar biex jitqiesu għall-għoti tal-fondi.

Minkejja dan, is-sessjoni ta’ evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament jiddependu mill-kwalità tal-proposti sottomessi kif ukoll mid-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, dan ifisser li anke jekk il-proposta tal-proġett tiegħek ġabet 60 marka jew iktar, ma jfissirx li awtomatikament għaddiet. Il-bord tal-evalwazzjoni jista’ jiddeċiedi li ma jallokax it-total tal-fondi disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti proposti ma jilħqux il-livell meħtieġ f’termini tal-kriterji tal-programm.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta’ evalwazzjoni li jintgħażel mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi se jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet rilevanti li ngħataw.

## 6.1 Kif tirċievi r-riżultati

In-notifika tar-riżultati se tintbagħatlek mill-Kunsill Malti għall-Arti fid-data indikata fuq it-2 paġna (‘Riżultati’). Flimkien ma’ ittra ta’ akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola ta’ feedback li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni skont il-kriterji tal-iskema.

L-ordni tal-klassifikazzjoni tal-proġetti skont il-marki allokati mill-evalwaturi se tiġi ppubblikata online. Se jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti li ntgħażlu. Fil-każ tal-proġetti li ma ngħataw l-ebda fondi, se jiġi ppubblikat biss in-numru ta’ referenza tagħhom.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar ir-riżultati tiegħek, għandek tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni ta’ finanzjament tiegħek.

L-ebda informazzjoni fuq il-proċess tal-evalwazzjoni mhi se tiġi rilaxxata qabel ma toħroġ in-notifika uffiċjali tar-riżultat. Kwalunkwe forma ta’ solleċitazzjoni se twassal għal skwalifika awtomatika tal-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha riċevuta mill-amministraturi, mill-maniġers, u mill-evalwaturi tal-iskema se titqies bħala kunfidenzjali kemm waqt il-proċess tal-evalwazzjoni kif ukoll wara. Il-ftehim tal-għotja ta’ fondi se jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien ta’ dejta u l-kunfidenzjalità għall-proġetti li għaddew.

# 7. Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-proġett

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha biex jappoġġjaw l-applikazzjoni u l-pjan tal-baġit fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta’ notifika. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jaċċetta varjazzjoni sa 5% tal-ispiża totali proposta. Il-kontinġenza msemmija fil-pjan tal-baġit se tappoġġa kwalunkwe varjazzjoni tal-ispiża totali proposta. **Fl-ebda ċirkostanza l-Kunsill mhu se jkun f’pożizzjoni li jżid l-għotja li tkun ingħatat.**

Wara li tiġi pprovduta u approvata d-dokumentazzjoni mandatorja fuq imsemmija, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-iskema. L-għotja tingħata biss meta jitlesta l-proċess spjegat iżjed ’il fuq

fil-perjodu ta’ żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali li jingħata mill-bord tal-evalwazzjoni jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. It-30% li jifdal jingħata wara s-sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju, wara li dan jiġi approvat mill-Kunsill.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo tal-Kunsill fuq kull materjal relatat u għandhom jispeċifikaw li l-proġett sar bl-appoġġ tal-għotja ta’ fondi, kif ġej: **Appoġġjat mill-Kunsill Malti għall-Arti** fuq kull materjal stampat u fuq kull materjal ta’ marketing u relazzjonijiet pubbliċi. L-għotja riċevuta għandha tintuża biss għall-iskop li għalih ingħatat, skont il-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw il-Kunsill immedjatament f’każ ta’ bidliet li jseħħu tul l-implimentazzjoni tal-proġett li jaffettwaw in-natura tiegħu. Ma jistgħux isiru bidliet mingħajr approvazzjoni. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jissospendi l-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma titqiesx konformi mal-proposta inizjali, jew jekk il-Kunsill ma kienx infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji għandhom jaraw li jkunu disponibbli li jikkomunikaw ma’ u jiltaqgħu ma’ rappreżentanti tal-Kunsill għal raġunijiet ta’ monitoraġġ kemm waqt l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara li jitlesta.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt ukoll li jirrevedi l-pagamenti finali jekk in-nefqa totali tkun inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Ir-Rapport

Fi tmiem tal-proġett tiegħek, se tiġi mitlub tissottometti rapport dettaljat li juri x-xogħol u l-ħidma tat-teatru li sar, il-komponenti kollaborattivi u ta’ kokreazzjoni, l-approċċ lejn l-involviment mill-udjenza, u l-kisbiet tal-proġett. Dan ir-rapport irid jintbagħat sa mhux iktar tard minn tmien (8) ġimgħat wara t-tmiem tal-proġett tiegħek. Ir-rapport tiegħek għandu jinkludi r-riflessjonijiet tiegħek dwar kif il-ħidma kollaborattiva tejbet il-proġett u viċi versa, inkluż suġġerimenti dwar kif tista’ ttejjeb l-involviment mal-udjenza u mal-komunitajiet jew kif dan jista’ jitqies b’mod differenti.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jipprovdilek mudell għar-rapporti tiegħek. Flimkien ma’ dan ir-rapport, jekk rilevanti, il-benefiċjarji għandhom jissottomettu kopji ta’ kwalunkwe materjal rilevanti ta’ marketing, pubbliċità jew ta’ informazzjoni li ġew żviluppati għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jintalbu jipprovdu wkoll evidenza tal-proċess tar-riċerka li jinkludi dokumentazzjoni viżwali (għandhom jiġu sottomessi tal-inqas 5 immaġnijiet ta’ riżoluzzjoni għolja), bloggs, u dokumentazzjoni oħra.

Il-benefiċjarji għandhom jipprovdu tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u tal-ispejjeż. It-tqassim tad-dħul u tal-ispejjeż għandu jitħejja f’konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli, irid jimxi ma’ dawn il-linji gwida u regolamenti, u jrid jiġi ċċertifikat minn accountant jew awditur b’warrant.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jitlob lill-benefiċjarju jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew irċevuti fiskali biex isostni t-tqassim dettaljat u ċċertifikat tad-dħul u tal-ispejjeż.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li juża l-materjal tal-proġett li ġie sottomess.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirkupra l-fondi jekk dawn mhumiex qed jintużaw, u/jew mhux qed jintużaw sew, u/jew mhux qed jintużaw skont il-baġit li ġie sottomess.

# 8. Il-Proċedura ta’ lmenti

F’każ li persuna tressaq ilment, dan mhuwiex se jaffettwa l-possibbiltà tagħha li tirċievi appoġġ mill-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. L-ilmenti kollha jiġu ttrattati b’kunfidenzjalità.

## 8.1 Raġunijiet għal ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet proċedurali tul il-proċess tas-sottomissjoni u l-evalwazzjoni f’termini tal-proċeduri stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- Il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-gvern;
- Il-merti tal-applikazzjoni f’termini tal-kriterji stipulati f’dawn il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti rigward il-proġett tagħhom.

## 8.2 Kif tressaq ilment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu mill-iktar ċari possibbli. L-ilment għandu jistqarr ir-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat filwaqt li jipprovdi spjegazzjoni u ġustifikazzjoni dettaljati, sostnuti b’dokumentazzjoni jew testimonjanzi rilevanti dwar ir-raġunijiet għaliex l-ilmentatur iqis li seħħew irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f’dawn il-linji gwida u regolamenti, jew f’regoli u regolamenti standard ta’ governanza tajba li jiggovernaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni li tittieħed fi tmiem il-proċess tal-ilment tkun waħda finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur/Direttriċi tal-Fondi sa ħamest (5) ijiem ta’ xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni tiegħek dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi risposta għall-ilment tiegħek fi żmien għaxart (10) ijiem ta’ xogħol.

F’każ li ma tkunx sodisfatt/a bit-tweġiba li ngħatajt, il-Kunsill Malti għall-Arti jlaqqa’ bord li jkompli jiddiskuti l-ilment tiegħek. Jekk tuża l-proċedura tagħna tal-ilmenti, inti qed taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nindirizzaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord hija finali.

# 9. L-Applikabbiltà tar-Regoli ta’ Għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli ta’ għajnuna mill-istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fl-ambitu tal-Artikolu 107 TFEU

L-iskema dwar l-għajnuna mill-istat se tiġi implimentata f’konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta’ Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis*.

F’konformità mar-regolament *de minimis*, mhix se tingħata assistenza lil:

(1) impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti tas-sajd u tal-akwakultura;
(2) impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akwakultura fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew il-kwantità tal-prodotti mixtrija jew li jitqiegħdu fis-suq;

(3) impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti agrikoli;
(4) impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli f’wieħed minn dawn il-każijiet:
   a. fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew il-kwantità ta’ tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew li jitqiegħdu fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
   b. fejn l-għajnuna hi a kundizzjoni li tingħadda parzjalment jew totalment lill-produtturi primarji;
(5) għajnuna mogħtija lil attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew stati membri, jiġifieri għajnuna direttament marbuta mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u l-operat ta’ netwerk ta’ tqassim, jew għal infiq ieħor kurrenti marbut mal-attività tal-esportazzjoni;
(6) Barra minn hekk, għajnuna mhix se tingħata jekk hi kontinġenti f’każ tal-użu ta’ oġġetti u servizzi domestiċi fuq oġġetti u servizzi importati.

L-ammont totali ta’ għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża unika m’għandux jaqbeż l-ammont ta’ €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta’ tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jinkludi kull għajnuna mogħtija mill-istat taħt din l-iskema ta’ għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta’ għajnuna mill-istat implimentata f’konformità mar-regolament *de minimis*, inkluż għajnuna mogħtija u/jew applikata għaliha minn kwalunkwe entità oħra għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* li tiġi riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit ikollha tiġi rkuprata b’imgħax mill-impriża li qed tirċievi l-għajnuna.

Għandhom jiġu rispettati r-regoli dwar l-akkumulu ta’ għajnuna kif deskritt fl-Artikolu 5 tar-regolament *de minimis.*

L-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjoni *de minimis* li tiddikjara kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li rċevew u/jew li applikaw għaliha fit-tliet snin preċedenti. Din se tiżgura li l-ammont totali ta’ għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża unika skont ir-regola *de minimis* mhux se jaqbeż il-limitu *de minimis* fuq il-perjodu applikabbli ta’ tliet snin.

F’każ li applikant li jkun ntgħażel ma jkunx eliġibbli li jirċievi għajnuna *de minimis*, dak l-applikant se jitqies bħala mhux eliġibbli u l-applikant ikklassifikat fil-post li jmiss se jingħata l-għajnuna.

F’konformità mar-Regolament ta’ Għajnuna mill-Istat *de minimis*, rekords li jirrigwardjaw l-għajnuna *de minimis* se jinżammu mill-Kunsill Malti għall-Arti għal 10 snin mid-data minn meta ngħatat l-għajnuna taħt l-iskema.

## Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali

F’konformità mal-Artikolu 6(1) tar-regolament *de minimis*, mill-1 ta’ Jannar 2026, informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema se ssir disponibbli għall-pubbliku f’reġistru ċentrali fi żmien għoxrin jum ta’ xogħol wara l-għotja tal-għajnuna.

Din l-informazzjoni se tkun disponibbli għall-pubbliku:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont tal-għajnuna;
- id-data ta’ meta ngħatat l-għajnuna;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (‘il-klassifikazzjoni NACE’).

## 9.2 L-għażla ta’ għajnuna mhux mill-istat

L-applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fl-ambitu tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu japplikaw għall-iskema. L-applikazzjonijiet għall-proġetti proposti li ma jwasslux għal attività ekonomika fl-ambitu tal-Artiklu 107 TFEU wkoll jistgħu jitressqu għal finanzjament.

Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli msemmija fit-Taqsima 9.1 ma japplikawx.

# Għandek bżonn parir?

Aħna lesti ngħinuk f’kull pass tal-proċess!

It-tim tas-Senserija Kreattiva tagħna jista’ jgħinek issib l-aħjar appoġġ u jipprovdilek feedback dwar kif qed tippjana li tippreżenta l-proposta tiegħek tat-teatru. Ippjana minn qabel u kkuntattjana tal-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza tas-sottomissjoni sabiex tagħmel l-aħjar użu mis-servizzi tagħna.

| | |
|---|---|
| Ċemplilna: | +356 2334 7230 |
| Ibagħtilna email: | fundinfo@artscouncil.mt |
| Ħinijiet ta’ ftuħ tal-uffiċċju: | 09:00–16:00, Tnejn–Ġimgħa (il-ħin ta’ Malta) |

**Il-linji gwida ġew aġġornati fil-21 ta’ April 2026**